KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 33

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

It-Tnejn 17 ta' Ġunju, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:55ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is -Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Dott. Dean Hili – Sindku Pembroke

ASSENTI

Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara (onlajn)
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, sabiex jinfurmawa li ma setax ikunu preżenti għal din il-laqgħa.

33.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, kienet għadha kif infurmat li ma tistax tattendi permezz ta' messaġ minħabba emerġenza personali. Għal din ir-raġuni hi talbet li tkun skużata.

33.1.3 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

33.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 32 li nżammet nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

33.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Tas-Sliema, is-Sur John Pillow, sekondat mis-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras.

## 33.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Elezzjoni 2024*

33.3.1 Il-President beda billi feraħ lil dawk il-membri li reġgħu ġew eletti u lil min ma kellux din ix-xorti nawgurawlu xorta waħda filwaqt li esperima kif jittama li l-ħbiberija li saret tul iż-żmien tibqa hemm.

33.3.2 Is-Sur Chircop żied jgħid kif hekk kif wasalna lejn tmiem din il-leġislatura tal-Kunsilli Lokali, ser tkun qed tinżamm serata ta' rikonoxximent lil dawk is-Sindki u rappreżentanti li servew matul din il-leġislatura taħt il-Kunsill Reġjonali Lvant fil-ġnien ta' l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

33.3.3 ***18:00pm – is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, wasal għal din il-laqgħa.***

- *Laqgħa mal-Fondazzjoni Maltija għall-Benessri Soċjali*

33.3.4 B'referenza għal din il-laqgħa li nżammer nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju, il-President spjega kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tkellmu mas-Sa Laura Marie Mercieca u s-Sa Angela Caruana sabiex jiġi diskuss il-Kunsill tat-tfal.

33.3.5 Is-Sur Chircop żied jgħid kif dawn ir-rappreżentanti ser ikunu qed jattendu l-laqgħa li ssir ta' kull xahar mas-Segretarji Eżekuttivi biex jingħataw spjegazzjoni aħjar dwar dan il-proġett u l-involviment tal-Kunsilli Lokali.

33.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif diġa nżammet l-ewwel laqgħa tal-Kunsill tat-tfal fil-lokalità tal-Għargħur.

- *Applikazzjonijiet*

33.3.7 Il-President spjega li dan ir-Reġjun ressaq żewġa applikazzjonijiet sabiex ir-Reġjun jibbenifika minn fondi. Sfortunatament waħda mill-applikazzjonijiet ma ġietx aċċettata minħabba li l-*lead partner* li kien qed imexxi dan il-proġett ma rnexxilux jissottometti l-applikazzjoni.

33.3.8 Is-Sur Chircop għamel referenza għall-applikazzjoni oħra li ġiet sottomessa sabiex ir-Reġjun jibbenifika minn fondi allokata mill-Kunsill ta' l-Arti ta' Malta. Deċiżjoni dwar dan għandha tingħata lir-Reġjun nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 2024. Għal din ir-raġuni, aġġornament dwar dan ser ikun qed jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

33.3.9 Is-Sur Chircop spjega wkoll dwar applikazzjoni oħra li ġiet sottomessa fejn bħala parti min-*National Stem Community Fund*, il-Kunsill Reġjonali Lvant se jkun qed jaħdem mal-*Underwater Cultural Unit* ta' Heritage Malta biex jipprovdi numru ta' workshops lir-residenti tagħna. Il-workshops se jinvolvu l-użu tat-teknoloġija VR biex jesploraw is-sikek u l-fdalijiet taħt l-ilma li jinsabu fir-reġjun. Kull workshop se jikkonsisti minn preżentazzjoni ffukata fuq suġġetti tas-STEM, l-esperjenza VR u sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet wara ma' esperti fil-qasam.

33.3.10 Is-Sur Chircop spjega kif f'Settembru li ġej ir-Reġjun ikun infurmat dwar jekk din l-applikazzjoni ġietx milquha u għal din ir-raġuni aġġornament dwar dan ikun qed jingħata ġaladarba nkunu nafu r-riżultat.

- *Aġġornment – Kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart*

33.3.11 Il-President informa lill-membri preżenti dwar il-problemi eżistenti li għadhom għaddejjin taħt dan il-kuntratt u kif nhar it-Tnejn 3 ta' Ġunju 2024, dan ir-Reġjun kien irċieva ittra uffiċċjali mingħand il-kuntrattur dwar il-ġbir ta' l-iskart fuq il-ħlas marbut mal-ġbir mill-condominiums.

33.3.12 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni ġiet mitluba laqgħa mad-Direttur Ġenerali u kien hemm direzzjoni sabiex nfittxu parir legali mill-avukati dwar kif l-aħjar għandna nipproċedu. Żied jgħid ukoll kif ir-Reġjun għandu jinforma lill-kuntrattur li jekk is-servizz ikun ser jitwaqqaf, ir-Reġjun għandu kull dritt li jitlob kwotazzjoni ta' dan is-servizz mingħand kumpanija oħra u l-ispiża ta' dan is-servizz jiġi mnaqqas mill-ammont ta' ħlas dovut lil kuntrattur preżenti.

33.3.13 Is-Sur Chircop spjega kif il-parir ta' lavukat kien sabiex ir-Reġjun jiġbed l-attenzjoni dwar in-nuqqasijiet kollha li qed ikun hemm mill-kuntrattur, fosthom li l-ġabra qed tibda qabel il-ħin stipulat, l-ammont ta' piling li qed isir ferm qabel il-ħin stipulat, id-dehra tal-vetturi u l-uniformijiet tal-ħaddiema, kameras li għadhom mhux qed jiffunzjonaw kif suppost, u oħrajn.

33.3.14 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, staqsa jekk din il-problema tistax taffetwa il-kollezzjoni li ssir ta' kuljum mit-tnax-il lokalità.

33.3.15 Is-Sur Chircop spjega kif il-problema priċipali hija dwar il-condominiums u kif dan mgħandiex xtaqsam mal-ġabra li ssir ta' kuljum skond l-iskeda nazzjonali tal-iskart mill-lokalitajiet.

33.3.16 Aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

33.3.17 Is-Sur Chircop fakkar lill-membri preżenti dwar il-ħlas ta' dan il-kuntratt mingħand il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex isir b'mod immedjat.

- *Aġġornament – PROs*

33.3.18 B'referenza għal dan il-kuntratt, il-President informa lill-membri kif nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju 2024, dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sur Joe Attard f'isem kemm Greenpak u GreenMT fejn għadhom mhux qed jaqblu fuq xi punti mressqa.

33.3.19 Is-Sur Chircop żied jgħid kif aktar kmieni filgħodu, id-Direttur Ġenerali, is-Sur Emil Vassallo, talabhom sabiex jispeċifikaw fuq liema punti mhux qed jaqblu.

33.3.20 Is-Sur Chircop qal ukoll kif ġimgħa qabel din il-laqgħa dan ir-Reġjun kien saħansitra rċieva talba għal ħlas ta pagament mingħand Wasteserv ta madwar €88,000 fuq ħġieġ u oġġetti rickabli li ma ġiex aċċettat. Hu spjega wkoll kif qed tintalab direzzjoni dwar dan mingħand id-Direttur Ġenerali peress li dan il-kont ma kienx jinħareġ meta ir-responsabilità kienet f'idejn il-Kunsilli Lokali kif ukoll peress li r-Reġjun qatt ma kien infurmat dwar dan.

33.3.21 Wara diskussjoni fit-tul dwar dan is-suġġett, il-President informa kif aġġornament dwar dan ser ikun qed jingħata fil-laqgħa li jmiss.

## 33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

33.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 33.5 Rapporti

33.5.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, ressaq fuq il-mejda l-ittra mingħand l-awdituri fuq is-sena finanzjarja 2023 flimkien mar-risposta li ġiet ippreparata mis-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' l-accountant tar-Reġjun.

33.5.2 Iż-żewġ dokumenti kienu ntbagħtu qabel din il-laqgħa u ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

33.5.3 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

## 33.6 *Tender for the Supply and Delivery of an Electric Van for the Eastern Regional Council*

33.6.1 B'referenza għal din is-sejħa, il-President informa lill-membri dwar dn is-sejħa ta' offerti li ġiet ippreparata u approvata mis-Segretarju Permanenti.

33.6.2 Is-Sur Chircop spjega kif d-dokumeti meħtieġa ġew sottomessa lil SPD u kif sadanittant ir-Reġjun innomina lis-Sa Romina Perici Ferrante (accountant), lil Engineer Karl Agius, u lil Dott. Erol Cutajar (avukat) biex flimkien miegħi bħala Chairman ikunu qedin fuq il-bord ta' l-evalwazzjoni.

33.6.3 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 33.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT*

33.7.1 Il-President informa lill-membri kif is-Sa Cardona kienet ġiet approvata mill-proċess ta' *detailing* u kif kienet bdiet l-impjieg tagħha nhar it-Tnejn 10 ta' Ġunju 2024.

33.7.2 Is-Sur Chircop żied jgħid kif fil-preżent ma kien fadal l-ebda impjieg ieħor vakanati fir-Reġjun.

## 33.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

33.8.1 Il-president informa lill-membri kif dan ir-Reġjun kien irċieva pagament ieħor nhar it-Tnejn 17 ta Ġunju 2024.

- *Kwotazzjonijiet*

33.8.2 Il-President ressaq fuq il-mejda diversi kwotazzjonijiet miġbura mill-uffiċċju għall-approvazzjoni tal-membri preżenti –

- Kwotazzjoni għal xorb u ikel ħafif għal waqt ic-*chess tournament* – l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Neriku Caterers.
- Kwotazzjoni għal sistema ta' sound għal waqt ic-*chess tournament* – l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Digital Magic.
- Kwotazzjoni għal post sabiex jinżamm it-*team building event* – l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Pjazza 1902.

Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjonijiet imressqa.

## 33.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

33.9.1 Il- President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

33.9.2 Is-Sindku tal-l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, sekondata mis-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 30A u 30B.

33.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 33.10 Mozzjonijiet

33.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 33.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

33.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju 2024, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 30 ta' Lulju, 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |